MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2014

Numru. 433/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**Vs**

**Souleymane Samake**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 15 ta' Dicembru, 2014**

Kumpilazzjoni Numru: 433/2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Souleymane Samake ta' 26 sena, iben Chekoura Samake u Kadiatu Diakte, imwieled Mali, nhar l-1 ta' Jannar 1986 detentur ta' karta ta' identita' numru 56798A u numru ta' l-immigrazzjoni 08JJ067 talli nhar it-30 ta' Marzu, 2012, ghall-habta tas-07:15hrs, fl-inhawi maghrufa bhala Ghar Hasan limiti ta' Hal Far, Birzebbuga :

1. bil-hsieb li joqtol lil PC1472 Brian Grech, PC405 Jason Schembri u PC1514 Daniel Debattista jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car ura dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendentement mill-volonta' ta' l-imputat;

2. kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li taghmel ferita ta' natura gravi fuq PC1472 Brian Grech, PC405 Jason Schembri u PC1514 Daniel Debattista wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu;

3. talli fl-istess data, lok u hin attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC1472 Brian Grech, PC405 Jason Schembri u PC1514 Daniel Debattista, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

4. u aktar talli filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari u ma gabx prova xort'ohra li kien qed igorr l-istess arma regolari bi skop legittimu;

5. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm u gar arma li taqta' u bil-ponta minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement issoprimi jew b'xi mod iehor qered jew biddel tracci jew l-indizji ta' reat;

7. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

U aktar talli fit-30 ta' Marzu 2012 u fix-xhur ta' qabel:

8. meta ma kellu ebda xorta ta' beni, u ma kellux mezzi ohra biex ighix, ma ppruvax li hu fittex dejjem li jahdem xi arti jew sengha jew li jaghmel xi haga;

9. ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghex hajja ta' ghazz u vagabundagg;

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija ufficjali tal-Korp tal-Pulizija PC1472 Brian Grech, PC405 Jason Schembri u PC1514 Daniel Debattista kif jidhrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a. Fl-artikoli 41(1)(a), 214, 215 u 216(1)(a)(i)(2), 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 111(2)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 338(i), 338(w) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kapitolu 480 (L-Ordinanza dwar l-Armi) tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat ir-rikors konguntiv ta' l-Avukat Generali u ta' l-akkuzat fit-termini ta' l-artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014 l-imputat irregistra ammissjoni li huwa ikkonfermaha wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi min-nota tar-rinviju a gudizzju mibghuta mill-Avukati Generali jirrizulta li l-imputat ma baqax akkuzat bir-reat ta′ attentat ta′ qtil u ghaldaqstant din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta′ tali imputazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fin-nota tar-rinviju a gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali u ghaldaqstant dawn gew soddisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti tirrileva li din is-sentenza qeghda tinghata wara li saret talba mill-partijiet permezz ta′ rikors konguntiv mill-Avukat Generali u l-akkuzat a tenur ta′ l-artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodici Kriminali.

Illi din il-Qorti ma tqisx li hemm il-htiega ghall-imposizzjoni ta′ obbligazzjoni a tenur ta′ l-artikolu 383 et sequitur tal-Kodici Kriminali u lanqas ghal ordni ta′ protezzjoni ai termini ta′ l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tac-certifikat mediku tal-Psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino minn fejn jirrizulta li l-imputat jista′ jghix fil-komunita imma jkun xieraq u prudenti li jinghata kura permezz tal-farmaci (anti-psikotici) Ghalhekk ikun opportune li l-imputat jattendi s-Psychiatric Outpatients Clinic darba fix-xahar jew ghad-diskrezzjoni tat-tabib kuranti tieghu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 41(1)(a), 214, 215 u 216(1)(a)(i)(2), 218, 96(a), 111(2)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; 338(i), 338(w) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-artikoli 6, 51(7), 55 u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra migjuba kontrih u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu li l-hati dam taht arrest preventive kif ukoll tordna li l-perjodu li l-hati ghamel mill-4 ta' Settembru 2012 mizmum Mount Carmel sa' llum ghandu jitnaqqas mis-sentenza in konnessjoni mal-proceduri odjerni u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' €116.47. Inoltre' tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' €4060.97 rapprezentanti hlas ta' esperti. L-imputat qieghed jinghata zmien tlett (3) snin sabiex ihallas il-multa u l-hlas inkors ghall-esperti liema ammont ghandu jithallas f'pagamenti mensili u f'kaz ta' nuqqas ta' hlas konvertibbli fi prigunerija. It-terminu ghall-hlas jibda jiddekorri minn mindu l-hati jiskonta l-piena.

Il-Qorti tordna l-konfiska ta' l-oggetti ezebiti f'dawn il-proceduri filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghal imposizzjoni ta' obbligazzjoni ai termini ta' l-artikoli 383 et sequitur tal-Kodici Kriminali u ghall-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------